# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Nru. : 24/97

Steven Bartolo
vs
Brigadier, Commander AFM

Illum 2 ta’ Dicembru, 1997.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn is-26 ta` Setembru, 1988 u d-9 ta Settembru 1992, l-esponent soffra ingustizzja

minhabba li ma nghatax il-promozzjoni misthoqqa cioe` ir-ranking ta` bumbardier minn gunner.

Illi r-rikorrent dahal jahdem bhala suldat fit-12 ta` Frar, 1987 u kien ha il-`best reclute` minn fost mija u hamsin persuna.

Illi ghalkemm inghata r-ranking ta` 85483 gunner Bartolo, intbaghat il-"platoon" ma B. Rifle Co., jigifieri bhala suldat li jaghmel l-ghassa fuq barra.

Illi r-rikorrent imbaghad beda course fit-training section fis-26 ta` Settembru, 1988 u fit-18 ta` Lulju, 1989 tawh transfer ghal A. Rifle Co. Sadanittant talab biex jibda` jahdem mas-Search and Rescue, wiegheduh il-post u l-istess gurnata li fiha kellu jibda` x-xoghol infurmawh li l-post kien inghata lil haddiehor.

Illi r-rikorrent rega` inghata transfer ghat-training Section fit-12 ta` Marzu, 1990 u fil-11 ta` Frar, 1991 regghu tawh transfer mit-Training Section ghall-Military Transport bhala xufier. Fis-9 ta` Settembru, 1992 regghu tawh transfer mill-Military Transport ghall-A. Rifle Co bhala Security Guard fl-Airport.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talab li dan it-Tribunal li jisma` u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji u li jinghata r-rimedju xieraq cioe` il-promozzjoni li tilef jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata jigi ordnat li jithallas kumpens fl-ammont ta` mhux aktar minn LM5000.

Ra l-lista tax-xhieda esebitia mir-rikorrent.

Ra r-risposta tal-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta li biha eccepixxa illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti :

Illi d-data li r-rikorrent isemmi li gie ngaggat fiha tirreferi ghal ingagg fil-Korp tad-Dejma u ghaldaqstant il-*best recruit* li r-rikorrent qed jirreferi ghalih bil-fors huwa ghal xi kors li sar fid-Dejma u mhux fir-Regulari.

Illi r-rikorrent gie ngaggat fir-rank ta` Gunner fit-Task Force ta` Malta fis-27 ta` April 1987 u li sussegwentement kien gie ppustjat fl-unitajiet u kumpaniji tat-Task Force u l-FAM skond l-esigenzi tas-Servizz bhal kull suldat iehor li jaghzel li jingagga fl-Armata.

Illi r-rikorrent ghadda minn test tat-trade ta` Infanteer BIII f`Dicembru, 1988 u wehel fit-test tat-trade ta` Driver Heavy Duty BIII f`Awissu 1991. L-'Army Certificate of Education Class III' li suldat jinghatalu meta jghaddi minn ezami ta dhul fl-Ingliz, Malti u Matematika, hadu fil-1993 minhabba li r-rikorrent kien dahal minghajr ezami u ghaldaqstant ma kellux edukazzjoni minima kif rikjest.  Barra minn hekk huwa ghamel course fil-Life Saving f`Awissu 1989.

Illi l-pretenzjoni tar-rikorrent li kellu jigi promoss ghal zewg rankijiet iktar mir-rank li ghandu illum mhux iggustifikata minhabba li

normalment wiehed jiehu promozzjoni ghal-rank wiehed aktar milli jkollu dak iz-zmien. Barra minn hekk ma kellux Seniority bizzejjed biex jigi promoss ghal r-rank li kien imiss.

Illi r-rikors, fl-istat li gie notifikat lill-esponent huwa inammissibbli peress li m`huwiex akkumpanjat minn lista ta` xhieda fit-termini tal-Artikolu 7(2) (a) ta` l-Att VIII ta` l-1997.

Illi r-rikors promotur huwa inammissibbli fit-termini tal-Artikolu 5 (3) (b) ta` l-Att VIII ta` l-1997 peress illi r-rikorrent naqas li jipprevalixxi ruhu mill-mezz ta` rimedju provdut fl-Artikolu 161 ta` l-Att dwar il-Forzi Armati.

Semgha lix-xhida bil-gurament

Ikkunsidra

Ra illi fil-15 ta' Ottubru, 1997 it-Tribunal halla r-rikors ghad-decizzjoni dwar l-eccezzjoni fuq l-art 5 (3) (b) ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Ra illi xehed il-Brigadier Rupert Montanaro u qal: "Hemm zewg sections fl-Att dwar il-Forzi Armati ta` Malta. Wiehed japplika ghal suldati jigifieri mir-rank ta` gunner sa warrant officer 1 u s-section l-ohra li hija ta` qabilha, ghall-fizzjali. Fil-161 ma tillimita ruhha ghal xejn. Jigifieri fejn kwalunkwe individwu li ghandu xi ilment jew gie, ghamlu xi haga hazina, kwalunkwe bniedem ta` rank ghola minnu

ghandu d-dritt li l-ewwel imur ghand l-ufficjal kmandant tieghu, biex nifthiemu car il-kurunell tar-regiment tieghu u jekk ma jihux is-sodisfazzjon li jidhirlu li ghandu jiehu, ghandu l-opportunita`, id-dritt u kemm l-ufficjal kmandant u kemm il-kmandant huma obbligati bil-ligi li jarawh dan. …L-individwu huwa mitlub li jaghmel it-talba bil-miktub u bil-miktub titla` ghand l-ufficjal kmandant u bil-miktub titla` quddiem il-kamndant u jigi interviewed bil-fomm u jittiehed notament ta` meta rah….” Mistoqsi fil-kaz tar-rikorrenti x’gara, hu qal li “ma rrizulta mkien li saret”.

Xehed ir-rikorrent u qal: “Mistoqsi mit-Tribunal jekk jiena qattx ghamilt xi ilment tieghi lil xi superjur tieghi meta jiena fil-fehma tieghi kien haqqni promozzjoni nirispondi li le hlief ghall-ahhar wahda. Fl-ahhar wahda pero` kont ghamilt ilment lil Major Stivala. Ma niftakarx is-sena preciz meta kienet l-ahhar wahda pero` minghalija sentejn ilu. Jiena ghamilt request fuq dak l-kaz fejn kont kellimt lil Major Stivala biss. L-ohrajn ma kontx ghamilt requests. F`din fil-fatt kont ghamilt ir-request minhabba li deherli li peress li l-fizzjal ikun maghna m` ghandix ma nistaqsiehx biex nara x` inhi r-raguni.

Dan il-kaz li qed nirreferixxi ghalih huwa l-ahhar darba li hargu l-promotions gol-armata. Ghal dik id-darba qed nirreferixxi. Id-data preciza ma niftakarhiex.
Reggha xehed il-Brigadier Rupert Montanaro li stqarr li: “L-ahhar darba li nghataw promotions fl-armata huwa Marzu, 1996. “

Issa l-artikolu 5 (3) (b) jghid:

"Dan l-Att ma japplikax ghall-korpi elenkati fit-Taqsima B fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att, kemm il-darba ma tingiebx prova b'sodisfazzjon tat-Tribunal li tkun turi li kull mezz possibli ghall-ksib ta' rimedju jkun gie ezawrit."

Fit-Taqsima B fl-Ewwel Skeda hemm imnizzel:

"Il-Forzi Armati ta' Malta ghar-rigward biss ta' hatriet, promozzjonijiet, trasferimenti, salarji u drittijiet ta' pensjoni ta' l-ufficjali u suldati f'dik il-Forza Armata."

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u l-Forzi Armati ta' Malta gew specifikament indikati minhabba n-natura specjali taghhom u l-istatus Kostituzzjonali taghhom. Hu essenzjali taht l-artikolu 161 li jsir registrazzjoni ta' ilment (nuqqas ta' qbil ). L-Art 161 huwa mezz ta' rimedju ghalkemm ma huwiex rimedju gudizzjarju. Huwa sinifikanti li dan l-Artikolu jinsab fit-Taqsima VII tal-Kap 220 li hija sotto-titolata **"Rimedju ghal Ilmenti".** Dan ikompli jaghmilha cara li l-intenzjoni tal-legislatur kienet li dan l-artikolu ghandu jservi ta' mezz ta' rimedju ghal ilmenti. Ta' min isemmi wkoll li n-nota marginali tieghu tghid propriju "ilmenti minn irgiel tal-forza".

L-artikolu 5 (3) (b) ta' l-Att isemmi li l-Att ma japplikax kemm il-darba ma tingiebx prova li tkun turi li kull mezz possibli ghall-ksib ta' rimedju jkun gie ezawrit. Jekk mhux l-artikolu 161 ma hemmx rimedji ohra u ghalhekk l-artikolu 5 (3) (b) jigi bla sens.

Il-Kapitolu 220 tal-Ligijiet ta' Malta - l-Att dwar il-Forzi Armati fit-Taqsima VII jistabilixxi r-regoli ghad-Disposizzjonijiet Generali u b'mod partikolari dwar "Rimedju ghal Ilmenti". L-artikolu 161 jghid:

" (1) Jekk ragel tal-forza jahseb li saret xi haga hazina dwaru min xi ufficjal li ma jkunx l-ufficjal kmandant tieghu jew ragel tal-forza, hu jista' jaghmel ilment dwar dik il-haga lill-ufficjal kmandant tieghu.

(2) Jekk ragel tal-forza jahseb li saret xi haga hazina dwaru mill-ufficjal kmandant tieghu, jew minhabba li ma jinghatax rimedju ghas-sodisfazzjon tieghu ghal ilment skond l-ahhar sub-artikolu qabel dan jew ghal xi raguni ohra, hu jista' jaghmel ilment dwar dan lill-Kmandant.

(3) Ikun id-dmir tal-Kmandant jew tal-ufficjal kmandant li meta jircievi xi ilment skond dan l-artikolu jinvestigah u jiehu dawk dawk il-passi ghar-rimedju ta' dak li dwaru sar l-ilment li jidhirlu li jkunu mehtiega."

Minn dan johrog car li f'kaz li ragel tal-forza ma jkunx gie rakkomandat ghall-promozjoni mill-ufficjal kmandant tieghu u jkun jidhirlu li dan in-nuqqas ta' rakkomandazzjoni ma jkunx oggettivament gustifikat, huwa jista' jaghmel ilment mal-Kmandant tal-Forzi Armati taht l-artikolu 161 (2).

L-applikabilita' ta' l-artikoli 160 u 161 b'referenza ghal promozzjonijiet jidher car ukoll mill-"Manual of Military Law" tal-Armata tar-Renju Unit li tispjega l-import tad-disposizzjonijiet ta' l-Army Act Ingliz li

fuqhom huwa bbazat l-artikolu 161 ta' l-Att Malti. Id-dritt Militari Ingliz kellu influwenza qawwija fuq l-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta. Infatti hemm [ fol 510 u 511 b'referenza ghall-artikoli korrispettivi u cioe' l-artikoli 180 u 181] insibu s-segwenti kummenti:

(c) Before an officer submits a complaint under this s., he should think carefully whether he has a *right* to the redress for which he is asking. For examplc, an officer holding a short service commission has no right to be granted a regular commission: a major has no right to be promoted to lieutenant colonel- the right which they have is that their cases should be fairly considered in conjunction with those of other candidates. They should not, therefore complain under this s. if they are not selected, unless they have some evidence that the officers who considered their cases were influenced by improper motives. Similar considerations would apply to a complaint that an officer has not been granted a compassionate posting.

(g) An officer may address his complaint to the Army Board but he should send it, in the first place to his C.O., although he may know that his C.O. cannot grant him any redress e.g., if he is complaining against an order under s. 147. He should ask that the complaint should be forwarded to the Army Board through thc proper channels and it should be considered by each officer before whom it comes who should himself grant the redress asked for if he has authority to do so and thinks that it should be granted.

(j) Officers of the R.M. dealt with summarily under this Act should refer complaints relating to such summary dealing to the Army Board. Complaints other than those arising from summary dealing under this Act should be referred to the

Admiralty Board if not satisfied at a lower level.

Ghalhekk fil-kaz tal-Forzi Armati, l-Att VIII jimponi bhala kondizzjoni ta' ammissibilita' ta' ilment quddiem it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji l-obbligu li persuna tkun ezawrit il-mezzi l-ohra ta' rimedju disponibbli kontra l-agir li minnu tkun qedgha tilmenta. Hawn ghandna adozzjoni ta' principju pjuttost komuni ghal diversi sistemi ta' dritt amministrattiv fis-sens li qabel ma wiehed jadixxi Qorti jew Tribunal wiehed ikollu l-obbligu li jirregistra l-ilment tieghu fl-ewwel lok ma' Awtorita' kompetenti u jaghti lil dik l-awtorita' l-opportunita' li tirrikonsidra l-kaz tieghu. Jekk wara li tirrikonsidra l-ilment tara li dan hu gustifikat, l-awtorita' jkollha l-opportunita' li tirrimedjah minghajr il-bzonn li tmur quddiem il-Qorti jew xi Tribunal.

Dan il-principju insibuh ukoll fl-artikolu 460 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili. Hawn ukoll wiehed irid javza lill-awtorita' amministrattiva bi protest jew ittra ufficjali qabel ma jadixxi lill-Qorti. Ukoll l-artikolu 873 (3) tal-K.O.P.C. b'referenza ghall-mandat ta' inibizzjoni kontra l-Gvern jimponi certu proceduri qabel ma jista' jinhareg l-mandat.

Dan il-principju insibuh fid-dritt amministrattiv Franciz fil-forma tar-"regle de la decision prealable". Wiehed jista' jadixxi l-Qrati amministrattivi biss biex jimpunja decizzjoni ta' l-awtoritajiet u mhux qabel ma jkun hemm decizzjoni finali. L-istess principju jinsab fid-dritt

amministrattiv Ingliz fir-regola dwar “absence of parallel relief”. Hawn wiehed ma jistax jitlob rimedju gudizzjarju jekk ikunu jezistu mezzi ohra xierqa ta’ rimedju barra l-process gudizzjarju.

Dan jaghmilha cara li fil-kaz tar-rikorrent li l-Att ma japplikax ghalih jekk ma jgibx prova li kull mezz possibli ghall-ksib ta’ rimedju jkun gie ezawrit. L-intimat isostni li r-rikorrent ma ghamilx dan minhabba li ma ipprevalixxix ruhu mill-mezz ta’ rimedju provdut fl-artikolu 161 ta’ l-Att dwar il-Forzi Armati. Dwar l-ahhar promotions li r-rikorrent isostni li ghamel talba lil Major Stivala pero’ dan jirrigwarda promotions li saru f’Marzu, 1996. L-art 5 (4) jsemmi li “Dan l-Att ma ghandu jkun japplika ghal ebda att jew omissjoni li jkunu graw qabel id-9 ta’ Mejju, 1987 jew wara l-15 ta’ Mejju, 1995.” Ghalhekk l-ahhar promozzjonijiet ma japplikax l-Att ghalihom.

Minn dan johrog car li r-rikorrent ma ilmentax kif setgha jaghmel dwar il-promozzjonijiet imsemmija fir-rikors, u ghalhekk hu ma gabx il-prova li gie ezawrit kull mezz possibli ghal ksib ta’ rimedju. Tilqa’ l-eccezzjoni ta’ l-intimat u ghalhekk tichad ir-rikors. Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.